**23 ta' Lulju, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

versus

Emmanuel Buttigieg

**Provi fl-Appell – Xhud – Dokumenti**

*Xhud għandu dritt u jista' jiġi mġiegħel jesibixxi dokument relevanti għall-każ.*

*La darba xhud jiġi ammess fl-appell għandu jkollu d-dritt u d-dmir*

*li jesibixxi fil-kors tax-xiehda tiegħu fl-appell dawk id-dokumenti li kien ikun intitolat u obbligat li jesibixxi quddiem l-ewwel Qorti kieku ma kienx ġie prekluż milli hekk jixhed.*

Il-Qorti: –

Rat il-verbal tal-11 ta' Ġunju, 1992 li bih l-Avukat Ġenerali talab, impliċitament, li x-xhud tal-prosekuzzjoni Carmen Buttigieg tiġi ammessa, waqt ix-xiehda tagħha, tesibixxi dokument;

Rat l-oġġezzjoni, irreġistrata fl-istess verbal, ta' l-imputat;

Rat l-atti l-oħrajn, u ttrattata t-talba msemmija kkunsidrat illi:

1. L-istorja ta' dan il-proċediment fil-qosor, hija din. L-imputat Emmanuel Buttigieg ġie ċċitat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fuq l-akkuża li ma kienx ta lil martu Carmen Buttigieg il-manteniment li kien ġie ffissat b'digriet ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili Sekond'Awla;

2. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Carmen Buttigieg ma xehditx. B'sentenza ta' l-24 ta' Mejju 1991 dik il-Qorti ddikjarat lil Carmen Buttigieg ma kinitx produċibbli, u lliberat lill-imputat billi l-akkuża dedotta kontra tiegħu ma rriżultatx;

3. L-Avukat Ġenerali appella minn dik is-sentenza fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti kienet inġustament ippreklud iet lill-Pulizija milli tipproduċi bħala xhud lil Carmen Buttigieg. Fit-23 ta' Ġunju, 1992 din il-Qorti ta' l-Appell annullat is-sentenza msemmija fuq il-motiv li ċ-ċaħda mill-ewwel Qorti tal-produzzjoni tax-xhud Carmen Buttigieg kienet tikkostitwixxi ksur

sostanzjali tal-liġi bit-termini ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. B'din id-deċiżjoni din l-istess Qorti ddikjarat li Carmen Buttigieg kienet l-unika xhud produċibbli mill-prosekuzzjoni, u ddifferiet il-kawża għall-provi kollha għas-seduta tal-11 ta' Ġunju, 1992;

4. F'din is-seduta l-Avukat Ġenerali, konformament mad-deċiżjoni ċċitata, pproduċa lil Carmen Buttigieg. Dina bdiet tixhed, u fil-kors tad-disposizzjoni kienet ser tesibixxi kopja tad-digriet imsemmi tas-Sekond'Awla. L-imputat, kif ġa ntqal, oppona ruħu għall-esibizzjoni ta' dan id-dokument. Ir-raġuni tiegħu għal din l-oppożizzjoni hija li d-dokument kien aċċessibbli għall-prosekuzzjoni qabel ma saret iċ-ċitazzjoni, u għalhekk la ma ġiex esibit fl-ewwel istanza, ma setax, u ma jistax issa, jiġi esibit f'din l-istanza;

5. A propositu tal-punt in kwistjoni, ix-xhud għandu dritt, u jista' jiġi mġiegħel, jesibixxi dokument rilevanti għall-każ (artikolu 570 Kap. 12 applikabbli bl-artikolu 645 Kap. 9). Għalhekk Carmen Buttigieg, la darba ġiet ammessa tixhed għar-raġunijiet partikolari ta' dan il-każ, għandu jkollha d-dritt u d-dmir li tesibixxi fil-kors tax-xiehda tagħha f'dan l-istadju, dawk id-dokumenti li kienet tkun intitolata u obbligata tesibixxi quddiem l-ewwel Qorti kieku ma ġietx prekluża milli tixhed kif intqal. Ma jidhirx li hemm dubju dwar il-produċibilità tad-dokument in kwistjoni minn Carmen Buttigieg;

Għall-motivi premessi tilqa' t-talba ta' l-Avukat Ġenerali u tammetti l-esibizzjoni mix-xhud Carmen Buttigieg tal-kopja tad-digriet in kwistjoni.